# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40

Data tal-laqgħa: 1 ta' Settembru, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Settembru 2021 fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. billi ntqalet it-talba.

**40/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**40/01/01** Ma kienx hemm.

**40/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 39**

**40/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**40/02/02** **Para 39/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet żewġ stimi oħra għal *camera* fil-Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu li nagħmlu *camera* waħda.

**40/02/03** **Para 39/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**40/02/04** **Para 39/02/04:** Is-Sindku qalet li skont l-Onor. Dr Clifton Grima il-ground ta' Xwieki ser jiġi rrinovat u wara jiġi ffirmat MOU.

**40/02/05** **Para 39/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**40/02/06** **Para 39/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**40/02/07** **Para 39/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-Inġinier jonqsu jibgħat xi dokumenti fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**40/02/08** **Para 39/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet ittra-e fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl. Bażikament, Planning Authority ma jgħattux permessi għal arbli jekk ma jkunux ġo triq. Barra minn hekk, ERA qeda toġġezzjona bil-qawwi u kif it-talba tiġi *refused* awtomatikament tmur għand l-*enforcement* u jibdew il-proċeduri, sakemm ma jkunx hemm istruzzjoni oħra.

**40/02/09** **Para 39/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata ma smajna xejn u li bejn 10 u 12 ta' Settembru ser tintuża mill-Battlefront Living History Group.

**40/02/10** **Para 39/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority fuq tal-Ferħa Estate.

**40/02/11** **Para 39/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet ittra-e lil Infrastructure Malta rigward il-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero dan għaliex l-iżviluppatur għandu obbligu li jifforma t-triq b'mod li jħalliha $100_{mm}$ l-isfel mill-wiċċ imbagħad tidħol l-Infrastructure Malta u tiffinalizza.

**40/02/12** **Para 39/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**40/02/13** **Para 39/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**40/02/14** **Para 39/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser inressqu l-*isleeping police* ta' Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**40/02/15** **Para 39/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejna xejn fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**40/02/16** **Para 39/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont tal-Public Works ma jistax isir *gutter* ieħor fi Triq il-Ġdida, Sqaq Numru 1.

**40/02/17** **Para 39/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *bollard* tal-ħadid għal l-isqaq fi Sqaq Charlotte imma kienu *out of stock*.

**40/02/18** **Para 39/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta sabiex jitpoġġew tabelli '*Drive Slow*' kif ukoll żewġ tabelli bil-ġranet u l-ħinijiet fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**40/02/19** **Para 39/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division għadhom ma għaddewniex l-4 bankijiet.

**40/02/20** **Para 39/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istima għal bini ta' bankina ħdejn iċ-ċimiterju fi Triq San Ġwann ġiet madwar €5000. Kien hemm qbil unanimu li ma ssirx dan għaliex il-bankina dejjem kienet fuq in-naħa l-oħra ta' triq u ġie deċiż li inneħħu parti mid-*double yellow line*.

**40/02/21** **Para 39/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta sabiex tapprova *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court.

**40/02/22** **Para 39/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nitolbu l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti lis-Superjur tal-Museum.

**40/02/23** **Para 39/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa għadha ma saritx.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**40/02/24** **Para 39/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li jsiru *sleeping police* qrib Fairytales & Fables childcare centre fi Sqaq Ħofra.

**40/02/25** **Para 39/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ir-Reġjun Tramuntana se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED).

**40/02/26** **Para 39/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċevejna ittra-e dwar kif trid tkun il-*bye-law* li tipprojbixxi għalf lill-ħamiem.

**40/02/27** **Para 39/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex tkun tista' ssir bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania.

**40/02/28** **Para 39/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir linja bajda fin-nofs ta' Triq Caravaggio.

**40/02/29** **Para 39/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella 'Merħba Għargħur' fi Triq Santa Katerina għadha ma saritx.

**40/02/30** **Para 39/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir passaġġ bil-*bollards* li jagħti għaż-żuntier tal-knisja.

**40/02/31** **Para 39/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa' mal-Perit fuq il-possibbiltà sabiex parti mit-taraġ tal-ewwel sulur ta' Ġnien il-Paċi jiġi nofsu taraġ u nofsu rampa.

**40/02/32** **Para 39/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ser jeħel fanal fi Triq K. Zarb viċin il-bieb tal-lukanda 'Ta' Berta'.

**40/02/33** **Para 39/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida ma' arblu eżistenti quddiem l-Oratorju dalwaqt tinxtegħel.

**40/02/34** **Para 39/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi u li l-kuntrattur informaha li xi wħud minnhom ma għadhomx validi.

**40/02/35** **Para 39/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir *double yellow line* ħdejn u faċċata tal-garaxx fi Sqaq numru 1 fi Triq San Ġwann.

**40/02/36** **Para 39/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew konferma bil-miktub jekk tistax issir bozza mal-ħajt fi Sqaq tal-Ferħa.

**40/02/37** **Para 39/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li siġar kollha ta' Vjal ir-Repubblika inżabru.

**40/02/38** **Para 39/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività li kellha ssir fl-20 t'Awwissu 2021 (minflok l-attività ta' Jum il-Għargħur) ma saritx.

**40/02/39** **Para 39/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lill-Perit rigward il-ħsara li tista' ssir lil pont ta' Wied id-Dis.

**40/02/40** **Para 39/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ta' *sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb għadha ma saritx.

**40/02/41** **Para 39/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex tistaqsi jekk tistax issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**40/02/42** **Para 39/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċevejna żewġ stimi għas-servizz ta' tindif tal-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu lis-Sur Salvu Cuschieri minħabba li hija l-irħas offerta. Kien hemm qbil unanimu.

**40/02/43** **Para 39/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew mill-Jobsplus il-lista ta' kandidati (Part 3) għal Vakanza ta' skrivan.

**40/02/44** **Para 39/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta sabiex tapprova li jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb.

**40/02/45** **Para 39/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema assenjati mal-Kunsill irranġaw ic-*central strip* ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Caravaggio.

**40/02/46** **Para 39/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fuljett tal-Kunsill se jiġi ffinalizzat dan ix-xahar.

**40/02/47** **Para 39/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed taħdem fuq is-sejħa għal *Architectural lighting*.

**40/02/48** **Para 39/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema assenjati mal-Kunsill irranġaw il-kaptelli ta' fuq il-bankini ta' Triq Caravaggio.

**40/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**40/03** Ma kienx hemm.

**40/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**40/04/01** Ma kienx hemm.

**40/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**40/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 t' Awwissu 2021).

**40/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Christopher Farrugia – Riżultat SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità. It-talba tagħna għall-fondi ġiet aċċettata u tikkwalifika għall-ammont €15,274.50.

**40/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-ERA rigward siġra fi Vjal ir-Repubblika. Is-siġra in kwistjoni tinstab fi spazju urban miftuħ għall-pubbliku u għalhekk taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

**40/05/04** Resident talab li jsir *double yellow line* quddiem 'Spiteri Garage' fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/05/05** Resident talab li jsir *double yellow line* quddiem 'Caruana Gardens' fi Triq San Gwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 t' Awwissu 2021).

**40/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 t' Awwissu 2021).

**40/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8556 resident applika għal 1.5 Keep Clear Bay / Reserved Parking Bay fi Triq Vendome.

**40/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 t' Awwissu 2021).

**40/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li talbet li kaxxa tal-parkeġġ tinbidel f'MC bays fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**40/05/11** Ġiet innutata ittra minn Dr Norma Vella Bardun għan-nom u fl-interess ta' resident li joqgħod fi Triq Isqof Tumas Gargallo rigward ħsara fl-*inspection box* li tinsab fuq il-bankina fil-parti tan-nofs it-triq, li hija għall-*water services drain pipe* prinċipali u li din il-problema ġejja mit-triq. Is-Sindku talbet li ngħaddu din l-ittra lill-Avukat tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/05/12** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/05/13** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* kull fejn hemm garaxx - bibien ta' maisonettes – garaxx fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**40/05/14** Fuq it-talba ta' resident għal tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq Santa Marija taż-Żellieqa. Il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħol isir mill-ħaddiema tad-Dipt. tad-Distretti.

**40/05/15** Fuq it-talba ta' resident biex jiġu organizzati xi *tours* fl-erba' kappelli. Is-SE ser tikkuntattja lill-Kappillan.

**40/05/16** Fuq it-talba ta' resident biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos. Is-SE qalet li dan ix-xogħol irid isir mill-Infrastructure Malta.

**40/05/17** Is-Sindku resqet talba ta' resident għal *Loading/Unloading* bay ħdejn ħanut fi Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Żerafa. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**40/05/18** Fuq it-talba ta' residenta biex jitneħħa *double yellow line* quddiem 154/156 Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament li 1 meter *double yellow line* mill-garaxxijiet jibqa' u l-bqija jitneħħa.

**40/05/19** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ngħidu lil tar-Restoration Directorate biex jirranġaw il-blata ta' Torri tas-Semaforu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/05/20** Is-Sur Aquilina ressaq li ssir manutenzjoni fix-xelter minħabba li jidħol l-ilma u sabiex il-bozza tinbidel. Is-SE ser tara x'hemm bżonn li jsir.

**40/05/21** Is-Sur Aquilina ressaq li jitnaddfu *rain water culverts*. Is-SE qalet li diġà infurmat lil kuntrattur.

**40/05/22** Is-Sur Aquilina qal li tnedija tal-ktieb *Colours of the North* (Reġjun Tramuntana) ser tkun fis-17 ta' Settembru 2021.

**40/05/23** Is-Sur Aquilina qal li *Festival Baned u Nar Reġjun Tramuntana* ħa jsir fi 2, 3 u 9, 10 ta' Ottubru 2021.

**40/05/24** Is-Sur Aquilina spjega li fi Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa tad-Duluri qed isiru xogħlijiet mhux skont il-permess PA/09467/19 u jista' jkun li qed issir ħsara ambjentali peress li ODZ. Is-SE diġà infurmat lil Planning Authority. Ġie deċiż li SE tinforma lil ERA wkoll.

**40/05/25** Is-Sur Aquilina spjega li ħdejn numru 14 fi Triq San Ġwann hemm kanal biex jgħaddi l-ilma. Sid il-garaxx issuġġerixxa li ssir kanna u tingħalaq bil-konkos. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni bi spejjeż għalih.

**40/05/26** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li viċin ir-*roundabout* ta' ħdejn id-dar tal-kavallieri fi Triq Caravaggio nagħmlu tabella mal-arblu li turi d-direzzjoni lejn il-Belt Valletta u San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax  :  2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


**40/06** **Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2021) u Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (April – Ġunju 2021)**

**40/06/01** Is-SE ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart kif ukoll ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapporti kif ippreżentati. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**40/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**40/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**40/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**